MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Rikors Ta Revoka Numru. 323/2009

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ C B.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ A B.

Permezz ta’ dan ir-rikors, l-istess C B qed titlob lil din il-Qorti thassar mandat ta’ qbid Nru. 245/09 mahrug minn zewgha fil-konfront taghha biex jikkawtela sehemu tal-komunjoni tal-akkwisti. L-istess C B qed taghmel din it-talba ghar-ragunijiet imsemmija fl-Art. 293 (1) (e), 836 (1) (c) (d) (e) u (f) u 836 (8) (c) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tinnota li l-mandat ta' qbid de quo ikopri ukoll il-qbid bl-elevazzjoni ta' magni, merci, stokk u oggetti ohrajn li jinsabu ghall-bejgh, kif ukoll kull oggett mobbli iehor li jinsab fis-salon "Genesis" li huwa gestit mill-istess C B.

Il-Qorti tikkonsidra illi:

Il-mandat ta' qbid li s-segwitu tieghu huwa r-rikors odjern huwa wiehed mid-diversi proceduri li z-zewg partijiet qed jikkonfrontaw f'din is-separazzjoni.

L-ewwel artikolu li tinvoka r-rikorrenti huwa l-Art. 293 (1) (e) tal-Kap. 12. Dan huwa ovvjament inapplikabbli u l-Qorti hija disposta tifhem li r-referenza kellha tkun ghas-subinciz (d) u jidher li dan hu koncess ukoll mill-istess A B fir-risposta tieghu. L-imsemmi subinciz (d) jezenta mill-mandat ta' qbid "il-magni u l-ghodda mehtiega ghat-taghlim jew l-ezercizzju ta' xi xjenza jew ta' xi arti tad-debitur, tal-mara tieghu jew tat-tfal tieghu".

F'dan il-kuntest, il-Qorti ma tikkondividix l-interpretazzjoni tal-intimat odjern ghar-rigward ta' din l-ezenzjoni. Din il-Qorti anzi tikkondividi dak affermat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. T. Mallia) fil-25 ta' Novembru 2004 fil-kawza Marsaxlokk Sailing Club Company Limited vs J&H Company Limited u taghmel referenza ukoll ghall-gurisprudenza hemm citata.

"Kif gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza "Azzopardi vs Spiteri," deciza fis-7 ta' Marzu, 1951, "*il-kelma "arti" uzata fil-ligi ma tikkomprendix biss l-arti liberali u dawk li jissejhu "belle arti," imma anke l-arti mekkanici u industrijali, u ghalhekk, hu protett b'dik id-dispozizzjoni tant l-"artista" kemm l-"artigjan""*. L-oggetti eskluzi jridu jkunu, skond ma qalet l-Onorabbli Qorti, tal-Kummerc fil-kawza "Serra vs Grech," deciza fit-12 ta' Dicembru, 1938, mhux biss konnessi man-negozju tad-debitur, izda jridu jkunu mezzi indispensabbli ghall-ghajxien tad-debitur. A bazi ta' dawn il-principji, l-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc b'sentenza moghtija fil-11 ta' April, 1986, fil-kawza

"Scicluna vs Valenzia," kienet iddecidiet li l-ghodda ta' mastrudaxxa ma jistghux jinqabdu."

Ir-rikorrenti tibbaza t-talba taghha ukoll fuq l-Art. 836 (1) (c) (d) (e) u (f).

Fil-kaz in ezami, ma jidhirx li hu kontestat li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fil-bini innifsu salon mertu ta' dan il-mandat, ghaxar karozzi, ishma f'socjeta' u negozju tal-kiri tal-karozzi. L-istess salon ma jistax jigi trasferit ghaliex jappertjeni liz-zewg partijiet. Lanqas ma jistghu jigu trasferiti l-karozzi tal-kiri stante li dawn huma soggetti ghall-mandat kawtelatorju ukoll. Jekk wiehed izid ma' dan kollu, l-proprjeta' parafernali tal-mara, il-Qorti ma ssibhiex difficli tifhem li l-kreditur jista' jserrah rasu. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li r-rekwizit impost mill-Art. 836 (1) (c) huwa sodisfatt.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tenfasizzax li gie sodisfatt pjenament ukoll ir-rekwizit tal-Art. 836 (1) (f) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat ta' qbid:

"Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."

Il-mandat ta' qbid kopra l-ezercizzju ta' attivita' li biha l-mara qed tmanti lilha nnifisha. Dan, f'ghajnejn din il-Qorti, ma jistax jigi gustifikat. It-twaqqif ta' l-attivita' taghha ma tista' ggib gid lil hadd u ghalhekk m'huwiex ghaqli li l-istess attivita' titwaqqaf b'dan il-mod.

Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghha tat-22 ta' Ottubru 2009 ghandhom jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tordna li l-mandat ta' qbid 245/2009 RCP jithassar.

L-ispejjez jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------